2024/3103

12.12.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3103

tat-2 ta' Settembru 2024

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġġornament tal-klassifikazzjoni tal-prodotti skont l-attività (KPA)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi klassifikazzjoni statistika ġdida tal-prodotti skont l-attività (KPA) u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93 ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex jiffunzjona, is-suq intern jirrikjedi standards statistiċi applikabbli għall-ġbir, għat-trażmissjoni u għall-pubblikazzjoni tal-istatistika nazzjonali u Ewropea li tippermetti lin-negozji, lill-istituzzjonijiet finanzjarji, lill-gvernijiet u lill-operaturi l-oħra kollha fis-suq intern ikollhom aċċess għal *data* statistika affidabbli u komparabbli. Għal dak l-għan, huwa vitali li jkun hemm interpretazzjoni uniformi, fl-Istati Membri kollha, tad-diversi pożizzjonijiet għall-klassifikazzjoni tal-prodotti fl-Unjoni.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 451/2008 stabbilixxa klassifikazzjoni statistika komuni tal-prodotti skont l-attività ("KPA"), li tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-istatistika fi żmien l-adozzjoni tiegħu. Dawk ir-rekwiżiti ma għadhomx jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-ambjent teknoloġiku, l-istruttura tal-ekonomija, u l-klassifikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali internazzjonali rilevanti.

(3) Minn meta bdiet tapplika l-aktar verżjoni reċenti tal-KPA fl-1 ta' Jannar 2015, il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni biddlu l-mod kif ħafna attivitajiet ekonomiċi jipprovdu l-oġġetti u s-servizzi. Oġġetti u servizzi ġodda kisbu importanza akbar, filwaqt li oħrajn tilfu l-importanza li kellhom fl-ekonomija globalizzata tal-Unjoni Ewropea. Saru wkoll bidliet rapidi fl-ambjent tat-teknoloġija tal-informazzjoni. Barra minn hekk, iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-impatt tal-ekonomija fuq l-ambjent ħolqot attivitajiet speċjalizzati għall-protezzjoni tal-ambjent, li min-naħa tagħhom jiġġeneraw prodotti u servizzi ġodda.

(4) Il-konsistenza interna tal-istatistika Ewropea tirrikjedi li l-KPA tkun strutturalment marbuta mal-klassifikazzjoni ta' referenza Ewropea tagħha, il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea ("NACE").

(5) Il-komparabbiltà internazzjonali bejn l-istatistika ekonomika tirrikjedi li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jużaw klassifikazzjonijiet tal-prodotti li jkunu marbuta direttament mal-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti ("CPC", Central Product Classification) internazzjonali.

(6) Wara l-adozzjoni, mill-Kummissjoni, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 ([2]) li jistabbilixxi n-NACE Reviżjoni 2, l-Aġġornament 1 ("NACE Rev. 2.1"), kif ukoll l-adozzjoni, mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-Verżjoni 3.0 tas-CPC ("CPC Ver. 3.0"), jenħtieġ li l-KPA tiġi adattata biex tinżamm il-komparabbiltà internazzjonali tagħha u l-konsistenza tagħha mal-istandards għall-klassifikazzjoni tal-attività ekonomika użati fil-livell tal-Unjoni.

([1]) ĠU L 145 4.6.2008, p. 65, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/451/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 tal-10 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/137/oj).

(7) Sabiex tiġi riflessa r-realtà tal-attivitajiet ekonomiċi attwali fl-Unjoni, jenħtieġ li l-KPA tqis il-prodotti li jirriżultaw mill-attivitajiet ekonomiċi ġodda li saru possibbli bl-iżviluppi strutturali, xjentifiċi u teknoloġiċi reċenti, kif ukoll mill-oġġetti u s-servizzi emerġenti li jirriżultaw mill-attivitajiet eżistenti.

(8) Biex jiġu appoġġati l-isforzi li qed tagħmel il-Kummissjoni ħalli timmodernizza l-produzzjoni tal-istatistika Ewropea u biex il-KPA tikkontribwixxi, permezz ta' *data* aktar komparabbli u rilevanti, għal governanza ekonomika aħjar kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali, il-KPA jeħtieġ tiġi aġġornata.

(9) Fir-rigward tad-*data* msemmija fl-Anness B tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), jenħtieġ li l-konformità mal-klassifikazzjoni aġġornata ma tkunx meħtieġa minnufih, peress li huwa meħtieġ ċertu perjodu ta' żmien biex il-fornituri tad-*data* jkunu jistgħu jadattaw għar-rekwiżiti regolatorji l-ġodda.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 451/2008 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 451/2008 huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025, fir-rigward tat-trażmissjonijiet tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat), relatati ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara. Madankollu, fir-rigward tad-*data* msemmija fl-Anness B tar-Regolament (UE) Nru 549/2013, dan għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2029.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/549/oj).

ANNESS

““ANNESS

Klassifikazzjoni tal-prodotti skont l-attività, Verżjoni 2.2 (CPA Ver. 2.2)

(m.k.b.: mhux klassifikat banda oħra)

Kodiċi	Intestatura
A	PRODOTTI TAL-AGRIKOLTURA, FORESTRIJA U SAJD
01	Prodotti tal-agrikoltura, kaċċa u servizzi relatati
01.1	Għelejjel mhux perenni
01.11	Ċereali, għajr ross, għelejjel leguminużi u żrieragħ taż-żejt
01.11.1	Qamħ
01.11.11	Qamħ durum
01.11.12	Qamħ, għajr qamħ durum
01.11.2	Qamħ ir-rum
01.11.20	Qamħ ir-rum
01.11.3	Xgħir, segala u ħafur
01.11.31	Xgħir
01.11.32	Segala
01.11.33	Ħafur
01.11.4	Sorgu, millieġ u ċereali oħrajn
01.11.41	Sorgu
01.11.42	Millieġ
01.11.43	Tritikal
01.11.49	Ċereali oħrajn m.k.b.
01.11.5	Tiben taċ-ċereali u ħliefa taċ-ċereali
01.11.50	Tiben taċ-ċereali u ħliefa taċ-ċereali
01.11.6	Ħxejjex leguminużi friski, bla qoxra
01.11.61	Fażola friska, bla qoxra
01.11.62	Piżelli friska, bla qoxra
01.11.69	Ħxejjex leguminużi friski, bla qoxra, m.k.b.
01.11.7	Ħxejjex leguminużi mnixxfa
01.11.71	Fażola, niexfa
01.11.72	Ful, niexef
01.11.73	Ċiċri, niexfa
01.11.74	Għads, niexef
01.11.75	Piżelli, niexfa
01.11.76	Fażola tal-għajn
01.11.77	Piżelli safra u ħamra, niexfa
01.11.79	Ħxejjex leguminużi mnixxfa m.k.b.
01.11.8	Fażola tas-sojja u karawett

Kodiċi	Intestatura
01.11.81	Fażola tas-sojja
01.11.82	Karawett, bil-qoxra
01.11.9	Żrieragħ taż-żejt oħrajn
01.11.91	Żerriegħa tal-kittien
01.11.92	Żerriegħa tal-mustarda
01.11.93	Żerriegħa tal-lift jew tal-kolza
01.11.94	Żerriegħa tal-ġunġlien
01.11.95	Żerriegħa tal-ġirasol
01.11.96	Żerriegħa taż-żejt tar-riġnu
01.11.99	Żrieragħ taż-żejt oħrajn m.k.b.
01.12	Ross, mhux meħluf
01.12.0	Ross, mhux meħluf
01.12.00	Ross, mhux meħluf
01.13	Ħxejjex u bettieħ, għeruq u tuberi
01.13.1	Ħxejjex tal-weraq jew taz-zkuk
01.13.11	Spraġ
01.13.12	Kaboċċa
01.13.13	Pastard u brokkli
01.13.14	Ħass
01.13.15	Ċikwejra
01.13.16	Spinaċi
01.13.17	Qaqoċċ
01.13.18	Ħxejjex tal-weraq jew taz-zkuk oħrajn
01.13.2	Bettieħ
01.13.21	Dulliegħ
01.13.29	Bettieħ m.k.b.
01.13.3	Ħxejjex tal-frott oħrajn
01.13.31	Felfel u bżar (speċi Capsicum)
01.13.32	Ħjar u ħjar tal-pikles
01.13.33	Brunġiel
01.13.34	Tadam
01.13.39	Ħxejjex tal-frott oħrajn m.k.b.
01.13.4	Ħxejjex tal-għeruq, basal jew tuberi
01.13.41	Karrotti u ġdur
01.13.42	Tewm
01.13.43	Basal
01.13.44	Kurrat u ħxejjex oħrajn tal-grupp tat-tewm
01.13.49	Ħxejjex tal-għeruq, basal jew tuberi m.k.b.
01.13.5	Għeruq u tuberi kommestibbli b'kontenut ta' lamtu jew inulina għoli

Kodiċi	Intestatura
01.13.51	Patata
01.13.52	Patata ħelwa
01.13.53	Kassava
01.13.54	Taro
01.13.59	Għeruq u tuberi kommestibbli b'kontenut ta' lamtu jew inulina għoli m.k.b.
01.13.6	Żerriegħa tal-ħaxix, barra miż-żerriegħa tal-pitravi
01.13.60	Żerriegħa tal-ħaxix, barra miż-żerriegħa tal-pitravi
01.13.7	Pitravi taz-zokkor u żerriegħa tal-pitravi taz-zokkor
01.13.71	Pitravi taz-zokkor
01.13.72	Żerriegħa tal-pitravi taz-zokkor
01.13.8	Faqqiegħ u tartuf
01.13.80	Faqqiegħ u tartuf
01.13.9	~~Ħ~~xejjex, friski, m.k.b.
01.13.90	~~Ħ~~xejjex, friski, m.k.b.
01.14	Kannamieli
01.14.0	Kannamieli
01.14.00	Kannamieli
01.15	Tabakk mhux manifatturat
01.15.0	Tabakk mhux manifatturat
01.15.00	Tabakk mhux manifatturat
01.16	Għelejjel tal-fibra
01.16.0	Għelejjel tal-fibra
01.16.01	Qoton, kemm jekk maħluġ u kemm jekk le
01.16.02	Ġuta, kenaf u fibri tessili tat-tilju oħrajn, grezzi jew minqugħin
01.16.09	Għelejjel tal-fibra m.k.b.
01.19	Għelejjel oħrajn mhux perenni
01.19.1	Għelejjel tal-foraġġ
01.19.10	Għelejjel tal-foraġġ
01.19.2	Fjuri maqtugħin u blanzuni; żerriegħa tal-fjuri
01.19.21	Fjuri maqtugħin u blanzuni
01.19.22	Żerriegħa tal-fjuri
01.19.3	Żerriegħa tal-pitravi, żerriegħa tal-pjanti tal-foraġġ; materjali oħrajn tal-ħaxix nej
01.19.31	Żerriegħa tal-pitravi, żerriegħa tal-pjanti tal-foraġġ
01.19.32	Materjali oħrajn tal-ħaxix nej
01.2	Għelejjel perenni
01.21	Għeneb frisk
01.21.0	Għeneb frisk
01.21.01	Għeneb tal-mejda frisk
01.21.02	Għeneb ieħor, frisk

Kodiċi	Intestatura
01.22	Frott tropiku u frott subtropiku frisk
01.22.0	Frott tropiku u frott subtropiku frisk
01.22.01	Avokado frisk
01.22.02	Banana friska, pjantaġġuni friski u oġġetti simili
01.22.03	Tamal frisk
01.22.04	Tin frisk
01.22.09	Frott tropiku u frott subtropiku frisk m.k.b.
01.23	Frott taċ-ċitru frisk
01.23.0	Frott taċ-ċitru frisk
01.23.01	Pomelo frisk u grapefruit frisk
01.23.02	Lumi friski u xkomp frisk
01.23.03	Larinġ frisk
01.23.04	Tanġerin frisk, mandolin frisk, klementin frisk
01.23.09	Frott taċ-ċitru frisk m.k.b.
01.24	Frott pomu frisk u frott tal-għadma
01.24.1	Tuffieħ frisk
01.24.10	Tuffieħ frisk
01.24.2	Frott pomu frisk ieħor u frott tal-għadma ieħor
01.24.21	Langas frisk
01.24.22	Sfarġel frisk
01.24.23	Berquq frisk
01.24.24	Ċirasa friska
01.24.25	Ħawħ frisk
01.24.26	Nuċiprisk frisk
01.24.27	Għajnbaqar frisk
01.24.28	Pruna selvaġġa, friska
01.24.29	Frott pomu frisk ieħor u frott tal-għadma ieħor m.k.b.
01.25	Frott u lewż ieħor minn siġra jew għarbuxell
01.25.1	Bakek u l-frott tal-ġenus vaccinium
01.25.11	Frott tal-kiwi
01.25.12	Lampun
01.25.13	Frawli
01.25.19	Bakek u l-frott tal-ġenus vaccinium m.k.b.
01.25.2	Żerriegħa tal-frott
01.25.20	Żerriegħa tal-frott
01.25.3	Skorfini
01.25.31	Lewż
01.25.32	Qastan
01.25.33	Ġellewż

Kodiċi	Intestatura
01.25.34	Pistaċċi
01.25.35	Ġewż
01.25.39	Ġewż m.k.b.
01.25.9	Frott u ġewż ieħor minn siġar jew arbuxelli m.k.b.
01.25.90	Frott u ġewż ieħor minn siġar jew arbuxelli m.k.b.
01.26	Frott żejtni
01.26.1	Żebbuġ
01.26.11	Żebbuġ tal-mejda
01.26.12	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa
01.26.2	Ġewż tal-Indi
01.26.20	Ġewż tal-Indi
01.26.3	Frott ieħor li jipproduċi ż-żejt
01.26.30	Frott ieħor li jipproduċi ż-żejt
01.27	Għelejjel tax-xorb
01.27.0	Għelejjel tax-xorb
01.27.01	Kafena, mhux mixwija
01.27.02	Weraq tat-te
01.27.03	Weraq tal-maté
01.27.04	Żerriegħa tal-kawkaw
01.27.09	Għelejjel tax-xorb m.k.b.
01.28	Għelejjel tal-ħwawar, aromatiċi, mediċinali u farmaċewtiċi
01.28.1	Ħwawar, mhux proċessati
01.28.11	Bżar (speċi Piper), nej
01.28.12	Noċemuskata, maċis u kardamomu, grezzi
01.28.13	Ħlewwa, ħlewwa stellata, kosbor, kemmun, karwija, bużbież u frott tal-ġnibru, nej
01.28.14	Kannella (canella), nej
01.28.15	Imsiemer tal-qronfol (zkuk sħaħ), nej
01.28.16	Ġinġer, imnixxef, nej
01.28.17	Vanilja, nejja
01.28.19	Ħwawar, mhux proċessati, m.k.b.
01.28.2	Koni tal-ħops
01.28.20	Koni tal-ħops
01.28.3	Pjanti użati primarjament fil-fwejjaħ, fil-farmaċewtika jew bħala insettiċida, fungiċida jew għal skopijiet simili
01.28.30	Pjanti użati primarjament fil-fwejjaħ, fil-farmaċewtika jew bħala insettiċida, fungiċida jew għal skopijiet simili
01.29	Għelejjel perenni oħrajn
01.29.1	Lastiku naturali
01.29.10	Lastiku naturali

Kodiċi	Intestatura
01.29.2	Siġar tal-Milied, maqtugħin
01.29.20	Siġar tal-Milied, maqtugħin
01.29.3	Materjali mill-ħaxix ta' tipi użati primarjament għad-dfir jew bħala mili jew kuttunar, fiż-żebgħa jew għall-konzar
01.29.30	Materjali mill-ħaxix ta' tipi użati primarjament għad-dfir jew bħala mili jew kuttunar, fiż-żebgħa jew għall-konzar
01.3	Materjal għat-tħawwil: pjanti ħajjin, basal, tuberi u għeruq, biċċiet u brokkijiet; żergħa bajda tal-fungi
01.30	Materjal għat-tħawwil: pjanti ħajjin, basal, tuberi u għeruq, biċċiet u brokkijiet; żergħa bajda tal-fungi
01.30.0	Materjal għat-tħawwil: pjanti ħajjin, basal, tuberi u għeruq, biċċiet u brokkijiet; żergħa bajda tal-fungi
01.30.00	Materjal għat-tħawwil: pjanti ħajjin, basal, tuberi u għeruq, biċċiet u brokkijiet; żergħa bajda tal-fungi
01.4	Annimali ħajjin u prodotti tal-annimali
01.41	Frat tal-ħalib, ħajjin; ħalib mhux proċessat mill-frat tal-ħalib
01.41.1	Frat tal-ħalib, ħajjin
01.41.10	Frat tal-ħalib, ħajjin
01.41.2	Ħalib mhux proċessat mill-frat tal-ħalib
01.41.20	Ħalib mhux proċessat mill-frat tal-ħalib
01.41.3	Semen tal-bovini ta' razez tal-ħalib
01.41.30	Semen tal-bovini ta' razez tal-ħalib
01.42	Frat oħrajn u bufli, ħajjin, u s-semen tagħhom
01.42.1	Frat oħrajn u bufli, ħajjin
01.42.11	Frat oħrajn u bufli, għajr għoġġiela, ħajjin
01.42.12	Għoġġiela tal-ifrat u l-bufli, ħajjin
01.42.2	Semen tal-bovini ta' razez taċ-ċanga
01.42.20	Semen tal-bovini ta' razez taċ-ċanga
01.43	Żwiemel u annimali ekwini oħrajn, ħajjin
01.43.0	Żwiemel u annimali ekwini oħrajn, ħajjin
01.43.01	Żwiemel, ħajjin
01.43.02	Ħmir, bgħula u bgħula tal-ħmara, ħajjin
01.44	Iġmla u kamelidi, ħajjin
01.44.0	Iġmla u kamelidi, ħajjin
01.44.00	Iġmla u kamelidi, ħajjin
01.45	Nagħaġ u mogħoż, ħajjin; ħalib mhux proċessat u suf imġiżż tan-nagħaġ u l-mogħoż
01.45.1	Nagħaġ u mogħoż, ħajjin
01.45.11	Nagħaġ, ħajjin
01.45.12	Mogħoż, ħajjin
01.45.2	Ħalib mhux proċessat tan-nagħaġ u l-mogħoż
01.45.21	Ħalib mhux proċessat tan-nagħaġ

Kodiċi	Intestatura
01.45.22	Ħalib mhux proċessat tal-mogħoż
01.45.3	Suf imġiżż tan-nagħaġ u l-mogħoż, grass
01.45.30	Suf imġiżż tan-nagħaġ u l-mogħoż, grass
01.46	Ħnieżer, ħajjin
01.46.0	Ħnieżer, ħajjin
01.46.00	Ħnieżer, ħajjin
01.47	Pollam, ħaj u bajd
01.47.1	Pollam, ħaj
01.47.11	Tiġieġ, ħajjin
01.47.12	Dundjani, ħajjin
01.47.13	Wiżż, ħajjin
01.47.14	Papri u farawni, ħajjin
01.47.15	Pollam ieħor, ħaj
01.47.2	Bajd fil-qoxra, frisk
01.47.21	Bajd tat-tiġieġ, fil-qoxra, frisk
01.47.22	Bajd ta' pollam ieħor, fil-qoxra, frisk
01.47.23	Bajd tat-tiġieġ għat-tfaqqis
01.47.24	Bajd ta' pollam ieħor, għat-tfaqqis
01.48	Annimali u prodotti tal-annimali oħrajn
01.48.1	Annimali oħrajn, ħajjin
01.48.11	Fniek, ħajjin
01.48.12	Għasafar oħrajn, ħajjin
01.48.13	Rettili, ħajjin
01.48.14	Naħal, ħajjin
01.48.19	Annimali oħrajn, ħajjin, m.k.b.
01.48.2	Prodotti oħrajn minn annimali mrobbijin
01.48.21	Għasel naturali
01.48.22	Ħalib mhux proċessat ieħor
01.48.23	Bebbux, frisk, imkessaħ, friżat, imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, għajr bebbux tal-baħar
01.48.24	Prodotti kommestibbli oħrajn li joriġinaw minn annimali mrobbijin
01.48.25	Fosdqiet tad-dud tal-ħarir adatti għat-tkebbib
01.48.26	Xemgħat mill-insetti u spermaċeti, kemm jekk irfinuti u kuluriti u kemm jekk le
01.48.27	Embrijuni tal-annimali għar-riproduzzjoni
01.48.28	Prodotti inkommestibbli oħrajn li joriġinaw minn annimali mrobbijin
01.48.3	Ġlud tal-fer grezzi u ġlud grezzi oħrajn
01.48.31	Ġlud tal-fer grezzi, għajr tal-ħrief li jipproduċu l-fer
01.48.32	Ġlud tal-fer grezzi tal-ħrief li jipproduċu l-fer
01.48.33	Ġlud oħrajn grezzi
01.6	Servizzi agrikoli u tat-trobbija tal-annimali

Kodiċi	Intestatura
01.61	Servizzi ta' appoġġ għall-produzzjoni tal-għelejjel
01.61.0	Servizzi ta' appoġġ għall-produzzjoni tal-għelejjel
01.61.00	Servizzi ta' appoġġ għall-produzzjoni tal-għelejjel
01.62	Servizzi ta' appoġġ għall-produzzjoni tal-annimali; servizzi ta' preparazzjoni tad-demel tal-irziezet u tad-demel likwidu għall-produzzjoni tal-enerġija
01.62.0	Servizzi ta' appoġġ għall-produzzjoni tal-annimali; servizzi ta' preparazzjoni tad-demel tal-irziezet u tad-demel likwidu għall-produzzjoni tal-enerġija
01.62.01	Servizzi ta' appoġġ għall-produzzjoni tal-annimali
01.62.02	Servizzi ta' preparazzjoni tad-demel tal-irziezet u tad-demel likwidu għall-produzzjoni tal-enerġija
01.63	Servizzi ta' wara l-ħsad u servizzi tal-proċessar taż-żerriegħa tal-propagazzjoni; servizzi ta' preparazzjoni tas-silaġġ tal-pjanti għall-produzzjoni tal-enerġija
01.63.0	Servizzi ta' wara l-ħsad u servizzi tal-proċessar taż-żerriegħa tal-propagazzjoni; servizzi ta' preparazzjoni tas-silaġġ tal-pjanti għall-produzzjoni tal-enerġija
01.63.01	Servizzi ta' wara l-ħsad tal-għelejjel u servizzi tal-proċessar taż-żrieragħ tal-propagazzjoni
01.63.02	Servizzi ta' preparazzjoni tas-silaġġ tal-pjanti għall-produzzjoni tal-enerġija
01.7	Kaċċa u nsib u servizzi relatati
01.70	Kaċċa u nsib u servizzi relatati
01.70.0	Kaċċa u nsib u servizzi relatati
01.70.00	Kaċċa u nsib u servizzi relatati
02	Prodotti tal-forestrija, u qtugħ ta' siġar għall-injam u servizzi relatati
02.1	Servizzi tas-siġar u tal-mixtliet tal-foresti
02.10	Servizzi tas-siġar u tal-mixtliet tal-foresti
02.10.1	Pjanti tas-siġar tal-foresti ħajjin; żrieragħ tas-siġar tal-foresti
02.10.11	Pjanti tas-siġar tal-foresti ħajjin
02.10.12	Żrieragħ tas-siġar tal-foresta
02.10.2	Servizzi tal-mixtliet tas-siġar tal-foresti
02.10.20	Servizzi tal-mixtliet tas-siġar tal-foresti
02.10.3	Siġar tal-foresta
02.10.30	Siġar tal-foresta
02.2	Injam raff
02.20	Injam raff
02.20.0	Injam raff
02.20.01	Zkuk ta' injam koniferu
02.20.02	Zkuk ta' injam tropikali
02.20.03	Zkuk ta' injam ieħor mhux koniferu
02.20.04	Ħatab ta' injam koniferu
02.20.05	Ħatab ta' injam mhux koniferu
02.3	Prodotti mhux tal-injam li jikbru fis-salvaġġ
02.30	Prodotti mhux tal-injam li jikbru fis-salvaġġ
02.30.1	Gomom naturali

Kodiċi	Intestatura
02.30.11	Balata, guttaperka, guayula, chicle u gomom naturali simili
02.30.12	Gommalakka, balsami u gomom u rażi naturali oħrajn
02.30.2	Sufra naturali, grezza jew sempliċement ippreparata
02.30.20	Sufra naturali, grezza jew sempliċement ippreparata
02.30.3	Partijiet minn pjanti, ħaxix, ħażiż u likeni adatti għal skopijiet ornamentali
02.30.30	Partijiet minn pjanti, ħaxix, ħażiż u likeni adatti għal skopijiet ornamentali
02.30.4	Prodotti kommestibbli li jikbru fis-salvaġġ
02.30.40	Prodotti kommestibbli li jikbru fis-salvaġġ
02.4	Servizzi ta' appoġġ għall-forestrija
02.40	Servizzi ta' appoġġ għall-forestrija
02.40.0	Servizzi ta' appoġġ għall-forestrija
02.40.00	Servizzi ta' appoġġ għall-forestrija
03	Prodotti tal-ħut u prodotti oħrajn tas-sajd; prodotti tal-akkwakultura; servizz ta' appoġġ għas-sajd
03.0	Prodotti tal-ħut u prodotti oħrajn tas-sajd; prodotti tal-akkwakultura; servizz ta' appoġġ għas-sajd
03.00	Prodotti tal-ħut u prodotti oħrajn tas-sajd; prodotti tal-akkwakultura; servizz ta' appoġġ għas-sajd
03.00.1	Ħut, ħaj, mhux għall-konsum mill-bniedem
03.00.11	Ħut ornamentali, salvaġġ
03.00.12	Ħut ornamentali, tal-farm
03.00.13	Ħut ieħor selvaġġ, ħaj, mhux għall-konsum mill-bniedem
03.00.14	Ħut ieħor tal-farm, ħaj, mhux għall-konsum mill-bniedem
03.00.2	Ħut, ħaj, frisk jew imkessaħ, għall-konsum mill-bniedem
03.00.21	Ħut, ħaj, frisk jew imkessaħ, għall-konsum mill-bniedem, tal-baħar, mhux tal-farm
03.00.22	Ħut, ħaj, frisk jew imkessaħ, għall-konsum mill-bniedem, tal-ilma ħelu, mhux tal-farm
03.00.23	Ħut, ħaj, frisk jew imkessaħ, għall-konsum mill-bniedem, tal-baħar, tal-farm
03.00.24	Ħut, ħaj, frisk jew imkessaħ, għall-konsum mill-bniedem, tal-ilma ħelu, tal-farm
03.00.3	Krustaċji, mhux iffriżati
03.00.31	Krustaċji, mhux iffriżati, mhux tal-farm
03.00.32	Krustaċji, mhux iffriżati, tal-farm
03.00.4	Molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn, ħajjin, friski jew imkessħin
03.00.41	Gajdri, ħajjin, friski jew imkessħin, mhux tal-farm
03.00.42	Molluski oħrajn, ħajjin, friski jew imkessħin, mhux tal-farm
03.00.43	Gajdri, ħajjin, friski jew imkessħin, tal-farm
03.00.44	Molluski oħrajn, ħajjin, friski jew imkessħin, tal-farm
03.00.45	Invertebrati akkwatiċi oħrajn, ħajjin, friski jew imkessħin, tal-farm
03.00.46	Invertebrati akkwatiċi oħrajn, ħajjin, friski jew imkessħin, mhux tal-farm
03.00.5	Perli, mhux maħduma
03.00.51	Perli naturali, mhux maħduma
03.00.52	Perli kultivati, mhux maħduma
03.00.6	Pjanti akkwatiċi oħrajn, annimali u l-prodotti tagħhom

Kodiċi	Intestatura
03.00.61	Qroll u prodotti simili, qxur tal-molluski, krustaċji u ekinodermi u għadam tas-siċċ
03.00.62	Sponoż naturali li ġejjin mill-annimali
03.00.63	Algi tal-baħar u algi oħrajn għall-konsum mill-bniedem, salvaġġi
03.00.64	Algi tal-baħar u algi oħrajn għall-konsum mill-bniedem, tal-farm
03.00.65	Algi tal-baħar u algi oħrajn mhux għall-konsum mill-bniedem, salvaġġi
03.00.66	Algi tal-baħar u algi oħrajn mhux għall-konsum mill-bniedem, tal-farm
03.00.69	Pjanti akkwatiċi oħrajn, annimali u l-prodotti tagħhom m.k.b.
03.00.7	Servizzi ta' appoġġ għas-sajd u l-akkwakultura
03.00.71	Servizzi ta' appoġġ għas-sajd
03.00.72	Servizzi ta' appoġġ għall-akkwakultura
B	ESTRAZZJONI MINN MINJIERI U BARRIERI
05	Faħam u linjite
05.1	Faħam iebes u faħam ieħor
05.10	Faħam iebes u faħam ieħor
05.10.0	Faħam iebes u faħam ieħor
05.10.01	Antraċite
05.10.02	Faħam bituminuż u faħam ieħor
05.2	Linjite
05.20	Linjite
05.20.0	Linjite
05.20.00	Linjite
06	Petroleum grezz u gass naturali
06.1	Petroleum grezz
06.10	Petroleum grezz
06.10.1	Żjut tal-petroleum u żjut miksubin mill-minerali bituminużi, grezzi
06.10.11	Kondensati tal-gass naturali
06.10.12	Żjut tal-petroleum oħrajn u żjut miksubin mill-minerali bituminużi, grezzi
06.10.2	Shale bituminuż jew taż-żejt u ramel tal-qatran
06.10.20	Shale bituminuż jew taż-żejt u ramel tal-qatran
06.2	Gass naturali, likwifikat jew fi stat gassuż
06.20	Gass naturali, likwifikat jew fi stat gassuż
06.20.0	Gass naturali, likwifikat jew fi stat gassuż
06.20.00	Gass naturali, likwifikat jew fi stat gassuż
07	Minerali naturali metalliċi
07.1	Minerali naturali tal-ħadid
07.10	Minerali naturali tal-ħadid
07.10.0	Minerali naturali tal-ħadid
07.10.00	Minerali naturali tal-ħadid

Kodiċi	Intestatura
07.2	Minerali naturali metalliċi mhux ferrużi
07.21	Minerali naturali tal-uranju jew tat-torju
07.21.0	Minerali naturali tal-uranju jew tat-torju
07.21.00	Minerali naturali tal-uranju jew tat-torju
07.29	Minerali naturali u konċentrati oħrajn ta' metalli mhux ferrużi
07.29.0	Minerali naturali u konċentrati oħrajn ta' metalli mhux ferrużi
07.29.01	Minerali naturali u konċentrati tar-ram
07.29.02	Minerali naturali u konċentrati tan-nikil
07.29.03	Minerali naturali u konċentrati tal-aluminju
07.29.04	Minerali naturali u konċentrati tal-metalli prezzjużi
07.29.05	Minerali naturali u konċentrati ta' ċomb, żingu u landa
07.29.09	Minerali naturali u konċentrati ta' metalli mhux ferrużi oħrajn m.k.b.
08	Prodotti oħrajn ta' estrazzjoni minn minjieri u barrieri
08.1	Ġebel, ramel u tafal
08.11	Ġebel ornamentali, ġebla tal-ġir, ġipsum, lavanja u ġebel ieħor
08.11.1	Ġebla tal-ġir u ġipsum
08.11.10	Ġebla tal-ġir u ġipsum
08.11.2	Ġibs u dolomit mhux kalċinat
08.11.20	Ġibs u dolomit mhux kalċinat
08.11.3	Ġebel ieħor ornamentali jew għall-bini
08.11.31	Irħam u ġebel kalkarju ieħor ornamentali jew għall-bini
08.11.32	Granit, ġebel ramli u ġebel ieħor ornamentali jew tal-bini
08.11.4	Lavanja
08.11.40	Lavanja
08.11.5	Ġebel imkisser jew imfarrak, granuli, laqx u trab
08.11.50	Ġebel imkisser jew imfarrak, granuli, laqx u trab
08.12	Żrar, ramel, tafal u kawlina
08.12.1	Żrar u ramel
08.12.11	Ramel tas-silika u ramel kwarzuż
08.12.12	Ramel naturali ieħor
08.12.13	Ċagħaq u żrar
08.12.14	Taħlitiet ta' gagazza u prodotti simili minn skart industrijali, kemm jekk jinkorporaw ċagħaq, żrar, laqx ċagħqi u żnied għall-użu fil-kostruzzjoni u kemm jekk le
08.12.2	Tafal u kawlina
08.12.21	Kawlina u tafal kawliniku ieħor
08.12.22	Tafal ieħor, andalusite, kjanit u sillimanit; materjali tal-art chamotte jew ta' dinas
08.9	Prodotti ta' estrazzjoni minn minjieri u barrieri m.k.b.
08.91	Minerali kimiċi u fertilizzanti
08.91.0	Minerali kimiċi u fertilizzanti

Kodiċi	Intestatura
08.91.01	Kalċju naturali jew fosfati tal-kalċju tal-aluminju
08.91.02	Piriti tal-ħadid mhux inkaljati; kubrit grezz jew mhux raffinat
08.91.09	Minerali kimiċi u fertilizzanti m.k.b.
08.92	Pit
08.92.0	Pit
08.92.00	Pit
08.93	Melħ u klorur tas-sodju pur; ilma baħar
08.93.0	Melħ u klorur tas-sodju pur; ilma baħar
08.93.00	Melħ u klorur tas-sodju pur; ilma baħar
08.99	Prodotti oħrajn ta' estrazzjoni minn minjieri u barrieri m.k.b.
08.99.1	Bitum u asfalt, naturali; asfaltiti u blat asfaltiku
08.99.10	Bitum u asfalt, naturali; asfaltiti u blat asfaltiku
08.99.2	Ħaġar prezzjuż u semiprezzjuż; djamanti industrijali, mhux maħdumin jew sempliċiment issegati, imxaqqa jew żgreġġati; ġebla ħaffiefa; żmerill, kurundun naturali, granat naturali u sustanzi abrażivi naturali oħrajn; minerali oħrajn
08.99.21	Ħaġar prezzjuż u semiprezzjuż, mhux maħdumin jew sempliċiment issegati jew ifformati raffi
08.99.22	Djamanti industrijali, mhux maħdumin jew sempliċiment issegati, imxaqqa jew żgreġġati; ġebla ħaffiefa; żmerill, kurundun naturali, granat naturali u sustanzi abrażivi naturali oħrajn
08.99.23	Minerali oħrajn
09	Servizzi ta' appoġġ għall-estrazzjoni minn minjieri
09.1	Servizzi ta' appoġġ għall-estrazzjoni tal-petroleum u tal-gass naturali
09.10	Servizzi ta' appoġġ għall-estrazzjoni tal-petroleum u tal-gass naturali
09.10.0	Servizzi ta' appoġġ għall-estrazzjoni tal-petroleum u tal-gass naturali
09.10.01	Servizzi ta' tħaffir għall-estrazzjoni tal-petroleum u l-gass naturali
09.10.02	Servizzi ta' armar, tiswija u żarmar tad-deriks u servizzi ta' appoġġ relatati għall-estrazzjoni ta' petroleum u gass naturali
09.10.03	Servizzi ta' likwifikazzjoni u rigassifikazzjoni ta' gass naturali għat-trasport, li jitwettqu fis-sit tal-estrazzjoni
09.9	Servizzi ta' appoġġ għall-estrazzjoni minn minjieri u barrieri
09.90	Servizzi ta' appoġġ għall-estrazzjoni minn minjieri u barrieri
09.90.0	Servizzi ta' appoġġ għall-estrazzjoni minn minjieri u barrieri
09.90.01	Servizzi ta' appoġġ għall-estrazzjoni ta' faħam iebes
09.90.02	Servizzi ta' appoġġ għall-estrazzjoni minn minjieri ta' minerali naturali metalliċi
09.90.09	Servizzi ta' appoġġ għal estrazzjoni oħra minn minjieri u barrieri m.k.b.
C	PRODOTTI MANIFATTURATI
10	Prodotti tal-ikel
10.1	Laħam u prodotti tal-laħam preservati
10.11	Proċessar u preservar ta' laħam, għajr laħam tal-pollam
10.11.1	Laħam ta' bovini, majjali, nagħaġ, mogħoż, żwiemel jew ekwini oħrajn, frisk u mkessaħ
10.11.11	Laħam tal-annimali bovini, frisk jew imkessaħ

Kodiċi	Intestatura
10.11.12	Laħam tal-majjal, frisk jew imkessaħ
10.11.13	Laħam tan-nagħaġ, frisk jew imkessaħ
10.11.14	Laħam tal-mogħoż, frisk jew imkessaħ
10.11.15	Laħam frisk jew imkessaħ ta' żwiemel u ekwini oħrajn
10.11.2	Ġewwieni kommestibbli tal-annimali bovini, majjali, nagħaġ, mogħoż, żwiemel u ekwini oħrajn, frisk jew imkessaħ
10.11.20	Ġewwieni kommestibbli tal-annimali bovini, majjali, nagħaġ, mogħoż, żwiemel u ekwini oħrajn, frisk jew imkessaħ
10.11.3	Laħam u ġewwieni kommestibbli friżati; laħam u ġewwieni kommestibbli oħrajn
10.11.31	Laħam tal-annimali bovini, friżat
10.11.32	Laħam tal-majjal, friżat
10.11.33	Laħam tan-nagħaġ, friżat
10.11.34	Laħam tal-mogħoż, friżat
10.11.35	Laħam taż-żwiemel u ekwini oħrajn, friżat
10.11.36	Laħam u ġewwieni kommestibbli ieħor, frisk, imkessaħ jew friżat
10.11.4	Suf imrixtel u ġlud ħoxnin u ġlud mhux proċessati tal-annimali bovini jew ekwini, nagħaġ u mogħoż
10.11.41	Suf imrixtel, grass
10.11.42	Ġlud grezzi sħaħ ta' annimali bovini jew ekwini
10.11.43	Ġlud grezzi sħaħ oħrajn ta' annimali bovini jew ekwini
10.11.44	Ġlud grezzi tan-nagħaġ jew l-ħrief
10.11.45	Ġlud grezzi tal-mogħoż u l-gidien
10.11.5	Xaħmijiet tal-annimali bovini, nagħaġ, mogħoż jew ħnieżer
10.11.50	Xaħmijiet tal-annimali bovini, nagħaġ, mogħoż jew ħnieżer
10.11.6	Ġewwieni nej, inkommestibbli
10.11.60	Ġewwieni nej, inkommestibbli
10.11.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' laħam proċessat u preservat; għajr laħam tal-pollam
10.11.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' laħam proċessat u preservat; għajr laħam tal-pollam
10.12	Laħam tal-pollam proċessat u preservat
10.12.1	Laħam tal-pollam, frisk jew imkessaħ
10.12.10	Laħam tal-pollam, frisk jew imkessaħ
10.12.2	Laħam tal-pollam, friżat
10.12.20	Laħam tal-pollam, friżat
10.12.3	Xaħam tal-pollam
10.12.30	Xaħam tal-pollam
10.12.4	Ġewwieni kommestibbli tal-pollam
10.12.40	Ġewwieni kommestibbli tal-pollam
10.12.5	Rix u ġlud ta' għasafar bir-rix
10.12.50	Rix u ġlud ta' għasafar bir-rix

Kodiċi	Intestatura
10.12.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' laħam tal-pollam proċessat u preservat
10.12.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' laħam tal-pollam proċessat u preservat
10.13	Preservi u preparati tal-laħam, ġewwieni jew demm
10.13.1	Preservi u preparati tal-laħam, ġewwieni jew demm
10.13.11	Laħam tal-majjal, qatgħat, immellaħ, imnixxef jew affumikat
10.13.12	Laħam tal-bovini, immellaħ, imnixxef jew affumikat
10.13.13	Laħam jew ġewwieni tal-laħam kommestibbli ieħor, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat; grixa u frakass kommestibbli tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-laħam
10.13.14	Zalzett u prodotti simili, tal-laħam, tal-ġewwieni tal-laħam jew tad-demm
10.13.15	Laħam, ġewwieni u demm preparati jew preservati oħrajn
10.13.16	Dqiq, grixa u pellets tal-laħam mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem; qrieqeċ
10.13.9	Servizzi ta' tisjir u preparazzjoni oħrajn tal-produzzjoni ta' prodotti tal-laħam; operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' preservi u preparati ta' laħam, ġewwieni jew demm
10.13.91	Servizzi ta' tisjir u preparazzjoni oħrajn għall-produzzjoni tal-prodotti tal-laħam
10.13.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' preservi u preparati ta' laħam, ġewwieni jew demm
10.2	Ħut, krustaċji u molluski proċessati u preservati
10.20	Ħut, krustaċji u molluski proċessati u preservati
10.20.1	Ħut, frisk, imkessaħ jew friżat
10.20.11	Fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut, kemm jekk kapuljat u kemm jekk le, frisk jew friżat
10.20.12	Fwied u bajd tal-ħut, friski jew imkessħa
10.20.13	Ħut, friżat
10.20.14	Fletti tal-ħut, friżati
10.20.15	Laħam tal-ħut, kemm jekk kapuljat u kemm jekk le, friżat
10.20.16	Fwied u bajd tal-ħut, friżati
10.20.2	Ħut, preparat jew preservat b'mod ieħor; kavjar u sostituti tal-kavjar
10.20.21	Fletti tal-ħut, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura, iżda mhux affumikati
10.20.22	Fwied, bajd, pinen, irjus, dnub, vexxiki jew ġewwieni kommestibbli ieħor tal-ħut imnixxfa, affumikati, immellħa jew fis-salmura; dqiq, qamħ miħun oħxon u gerbub tal-ħut, tajjeb għall-konsum mill-bniedem
10.20.23	Ħut, imnixxef, kemm jekk immellaħ u kemm jekk le, jew fis-salmura
10.20.24	Ħut, affumikat
10.20.25	Ħut, preparat jew preservat b'mod ieħor
10.20.26	Kavjar u sostituti tal-kavjar
10.20.3	Krustaċji, molluski, alga tal-baħar u invertebrati akkwatiċi oħrajn, friżati, preparati jew preservati
10.20.31	Krustaċji, friżati, imnixxfa, immellħa jew fis-salmura
10.20.32	Molluski, friżati, imnixxfa, immellħa jew fis-salmura
10.20.33	Invertebrati akkwatiċi oħrajn u alga tal-baħar, friżati, imnixxfa, immellħa jew fis-salmura

Kodiċi	Intestatura
10.20.34	Krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi u alga tal-baħar oħrajn, preparati jew preservati b'modi ieħor
10.20.4	Dqiq, grixa u pellets mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem, u prodotti oħrajn tal-ħut jew tal-krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi jew alga tal-baħar oħrajn
10.20.41	Dqiq, frakass jew pellets tal-ħut, tal-krustaċji, tal-molluski u ta' invertebrati akkwatiċi jew alga tal-baħar oħrajn, mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem
10.20.42	Prodotti inkommestibbli oħrajn tal-ħut, tal-krustaċji, tal-molluski jew invertebrati akkwatiċi jew alga tal-baħar oħrajn
10.20.9	Servizzi ta' affumikar u preservazzjoni u preparazzjoni oħrajn tal-manifattura ta' prodotti tal-ħut; operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' ħut, krustaċji u molluski proċessati u preservati
10.20.91	Servizzi ta' affumikar u preservazzjoni u preparazzjoni oħrajn tal-manifattura ta' prodotti tal-ħut
10.20.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' ħut, krustaċji u molluski proċessati u preservati
10.3	Frott u ħxejjex proċessati u preservati
10.31	Patata proċessata u preservata
10.31.1	Patata proċessata u preservata
10.31.11	Patata, friżata
10.31.12	Patata imnixxfa, kemm jekk imqattgħa jew flieli u kemm jekk le iżda mhux preparata mod ieħor
10.31.13	Patata mnixxfa f'forma ta' dqiq, grixa, fjokki, granuli u pellets
10.31.14	Patata preparata jew preservata
10.31.9	Servizzi ta' tisjir u preparazzjoni oħrajn tal-patata u prodotti tal-patata; operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' patata proċessata u preservata
10.31.91	Servizzi ta' tisjir u preparazzjoni oħrajn tal-patata u ta' prodotti tal-patata
10.31.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' patata proċessata u preservata
10.32	Meraq tal-frott u tal-ħaxix
10.32.1	Meraq tal-frott u tal-ħaxix
10.32.11	Meraq tat-tadam
10.32.12	Meraq tal-larinġ
10.32.13	Meraq tal-grapefruit
10.32.14	Meraq tal-ananas
10.32.15	Meraq tal-għeneb
10.32.16	Meraq tat-tuffieħ
10.32.17	Taħlitiet ta' meraq tal-frott u tal-ħaxix
10.32.18	Meraq ieħor tal-frott u tal-ħaxix
10.32.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' meraq tal-frott u tal-ħaxix
10.32.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' meraq tal-frott u tal-ħaxix
10.39	Frott u ħxejjex oħrajn proċessati u preservati
10.39.1	Ħxejjex proċessati u preservati, għajr il-patata
10.39.11	Ħxejjex, friżati
10.39.12	Ħxejjex, preservati proviżorjament

Kodiċi	Intestatura
10.39.13	Ħxejjex imnixxfa
10.39.14	Ħxejjex u frott imqatta' u ppakkjati
10.39.15	Fażola preservata għajr fil-ħall jew fl-aċidu aċetiku, minbarra platti tal-ħaxix preparati
10.39.16	Piżelli preservati għajr fil-ħall jew fl-aċidu aċetiku, minbarra platti tal-ħaxix preparati
10.39.17	Ħxejjex oħrajn (eskluż patata), preservati għajr fil-ħall jew l-aċidu aċetiku, minbarra platti tal-ħaxix preparati
10.39.18	Ħxejjex (għajr patata), frott, ġewż u partijiet oħrajn ta' pjanti kommestibbli, preparati u preservati bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku
10.39.2	Frott u lewż proċessat u preservat
10.39.21	Frott u ġewż, nejjin jew imsajrin, friżati
10.39.22	Ġammijiet, jellies tal-frott, u purejiet u pastes tal-frott jew tal-ġewż
10.39.23	Ġewż, karawett, mixwija, immellħin jew ippreparati b'xi mod ieħor
10.39.24	Frott u ġewż, ippreservati proviżorjament, mhux għall-konsum immedjat
10.39.25	Karawett u ġewż, bla qoxra
10.39.26	Frott u ġewż ieħor preparat, imnixxef jew preservat
10.39.3	Materjali mill-ħaxix u skart tal-ħaxix, residwi tal-ħaxix u prodotti sekondarji
10.39.30	Materjali mill-ħaxix u skart tal-ħaxix, residwi tal-ħaxix u prodotti sekondarji
10.39.9	Servizzi ta' tisjir u preparazzjoni oħrajn għall-preservazzjoni tal-frott u l-ħxejjex; operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' frott u ħxejjex oħrajn proċessati u preservati
10.39.91	Servizzi ta' tisjir u preparazzjoni oħrajn għall-preżervazzjoni tal-frott u l-ħxejjex
10.39.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' frott u ħxejjex oħrajn proċessati u preservati
10.4	Żjut u xaħmijiet veġetali u l-annimali
10.41	Żjut u xaħmijiet
10.41.1	Żjut u xaħmijiet tal-annimali, frazzjonijiet tagħhom, grezzi
10.41.11	Stearina tal-lardu, żejt tal-lardu, oleostearina, oleomarġerina u żejt tax-xaħam tad-dam, mhux emulsifikati jew imħalltin jew ippreparati b'xi mod ieħor
10.41.12	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, tal-ħut tal-mammiferi tal-baħar
10.41.13	Xaħmijiet u żjut tal-annimali oħrajn u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux immodifikati kimikament
10.41.2	Żjut veġetali, grezzi
10.41.21	Żejt tal-karawett, grezz
10.41.22	Żejt taż-żebbuġa, grezz
10.41.23	Żejt taż-żerriegħa tal-ġirasol, grezz
10.41.24	Żejt tal-lift, kolza u mustarda, grezz
10.41.25	Żejt tal-palm, grezz
10.41.26	Żjut veġetali oħrajn, grezzi
10.41.3	Tajjar
10.41.30	Tajjar

Kodiċi	Intestatura
10.41.4	Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, ta' xaħmijiet jew żjut veġetali; grixa u frakass taż-żrieragħ żejtnin jew frott żejtni
10.41.41	Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, ta' xaħmijiet jew żjut veġetali
10.41.42	Dqiq u grixi taż-żrieragħ jew tal-frott żejtnin, għajr dawk tal-mustarda
10.41.5	Żjut raffinati, għajr residwi
10.41.51	Żejt tal-fażola tas-sojja u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat iżda mhux modifikat kimikament
10.41.52	Żejt tal-karawett u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat iżda mhux modifikat kimikament
10.41.53	Żejt taż-żebbuġa u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat iżda mhux modifikat kimikament
10.41.54	Żejt tal-ġirasol u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat iżda mhux modifikat kimikament
10.41.55	Żejt taż-żerriegħa tal-qoton u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat iżda mhux modifikat kimikament
10.41.56	Żejt tal-lift, tal-kolza u tal-mustarda u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati iżda mhux modifikati kimikament
10.41.57	Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat iżda mhux modifikat kimikament
10.41.58	Żejt tal-ġewż tal-Indi u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat iżda mhux modifikat kimikament
10.41.59	Żjut oħrajn u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati iżda mhux modifikati kimikament; xaħmijiet veġetali fissi u żjut veġetali oħrajn (għajr żejt tal-qamħirrun) u l-frazzjonijiet tagħhom m.k.b. raffinati iżda mhux modifikati kimikament
10.41.6	Xaħmijiet u żjut, tal-annimali jew veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, idroġenati u esterifikati iżda mhux preparati ulterjorment
10.41.60	Xaħmijiet u żjut, tal-annimali jew veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, idroġenati u esterifikati iżda mhux preparati ulterjorment
10.41.7	Xemgħat veġetali; residwi mit-trattament ta' sustanzi xaħmija jew xemgħat mill-annimali jew mill-ħaxix
10.41.71	Xemgħat veġetali
10.41.72	Degras; residwi mit-trattament ta' sustanzi xaħmija jew xemgħat mill-annimali jew mill-ħaxix
10.41.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' żjut u xaħmijiet
10.41.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' żjut u xaħmijiet
10.42	Marġerina u xaħmijiet kommestibbli simili
10.42.1	Marġerina u xaħmijiet kommestibbli simili
10.42.10	Marġerina u xaħmijiet kommestibbli simili
10.42.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' marġerina u xaħmijiet kommestibbli simili
10.42.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' marġerina u xaħmijiet kommestibbli simili
10.5	Prodotti tal-ħalib u silġ kommestibbli
10.51	Prodotti tal-ħalib u ġobon
10.51.1	Ħalib u krema likwidi proċessati
10.51.11	Ħalib likwidu proċessat ta' ≤ 6 % xaħam
10.51.12	Ħalib u krema > 6 % xaħam, mhux konċentrati jew dolċifikati
10.51.2	Ħalib u krema f'forom solidi
10.51.21	Ħalib xkumat u trab tal-krema
10.51.22	Ħalib sħiħ u trab tal-krema

Kodiċi	Intestatura
10.51.3	Butir u spreads mill-ħalib
10.51.30	Butir u spreads mill-ħalib
10.51.4	Ġobon u baqta
10.51.40	Ġobon u baqta
10.51.5	Prodotti tal-ħalib oħrajn
10.51.51	Ħalib u krema, konċentrati jew biz-zokkor miżjud jew b'sustanzi dolċifikanti oħrajn, mhux f'forom solidi
10.51.52	Jogurt u ħalib jew krema oħrajn fermentati jew aċidifikati
10.51.53	Xarbiet magħmulin mill-ħalib
10.51.54	Kaseina
10.51.55	Lattożju u ġulepp tal-lattożju
10.51.56	Xorrox
10.51.59	Prodotti tal-ħalib oħrajn m.k.b.
10.51.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' prodotti tal-ħalib u l-ġobon
10.51.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' prodotti tal-ħalib u l-ġobon
10.52	Ġelat u silġ kommestibbli ieħor
10.52.1	Ġelat u silġ kommestibbli ieħor
10.52.10	Ġelat u silġ kommestibbli ieħor
10.52.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' ġelat u silġ kommestibbli ieħor
10.52.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' ġelat u silġ kommestibbli ieħor
10.6	Prodotti tal-imtieħen tal-qmuħ, lamtijiet u prodotti tal-lamtijiet
10.61	Prodotti tal-imtieħen tal-qmuħ
10.61.1	Ross, maċinat parzjalment jew kompletament, imfesdaq jew imfarrak
10.61.11	Ross imfesdaq
10.61.12	Ross, maċinat jew imfarrak parzjalment jew totalment
10.61.2	Ċereali u dqiq tal-ħaxix; taħlitiet tagħhom
10.61.21	Dqiq tal-qamħ jew tal-meslin
10.61.22	Dqiq ieħor taċ-ċereali
10.61.23	Dqiq u grix veġetali
10.61.24	Taħlitiet u għaġniet użati fil-preparazzjoni tal-prodotti tal-forn
10.61.3	Ħbub imfesdqin, grixa u pellets u prodotti oħrajn tal-ħbub taċ-ċereali
10.61.31	Ħbub imfesdqin u grixa tal-qamħ
10.61.32	Ħbub imfesdqin, grixa u pellets taċ-ċereali oħrajn
10.61.33	Ċereali tal-kolazzjon u prodotti oħrajn tal-ħbub tal-qamħ
10.61.4	Nuħħala, qxura u residwi oħrajn mill-proċesar taċ-ċereali
10.61.40	Nuħħala, qxura u residwi oħrajn mill-proċesar taċ-ċereali
10.61.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' prodotti tal-miṫħna tal-qmuħ
10.61.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' prodotti tal-miṫħna tal-qmuħ

Kodiċi	Intestatura
10.62	Lamtijiet u prodotti mil-lamtijiet
10.62.1	Lamtijiet u prodotti mil-lamtijiet; zokkrijiet u ġuleppijiet taz-zokkor oħrajn
10.62.11	Lamtijiet; inulina; gluteina tal-qamħ; destrina u lamtijiet modifikati oħrajn
10.62.12	Tapjoka u sostituti magħmula mil-lamtu f'forma ta' fjokki, żerriegħa u oġġetti simili
10.62.13	Glukożju u ġulepp tal-glukożju; fruttożju u ġulepp tal-fruttożju; zokkor invertit; zokkrijiet u ġuleppijiet taz-zokkor oħrajn
10.62.14	Żejt tal-qamħirrun
10.62.2	Residwi tal-manifattura tal-lamtu u residwi simili
10.62.20	Residwi tal-manifattura tal-lamtu u residwi simili
10.62.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' lamti u tal-prodotti tal-lamtu
10.62.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' lamti u tal-prodotti tal-lamtu
10.7	Prodotti tal-forn u prodotti farinaċei
10.71	Ħobż, oġġetti tal-għaġina u kejkijiet friski
10.71.1	Ħobż, oġġetti tal-għaġina u kejkijiet friski
10.71.11	Ħobż frisk
10.71.12	Ikel tal-għaġina u kejkijiet friski
10.71.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' ħobż, oġġetti tal-għaġina u kejkijiet friski
10.71.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' ħobż, oġġetti tal-għaġina u kejkijiet friski
10.72	Biskuttelli u gallettini; oġġetti tal-għaġina u kejkijiet preservati
10.72.1	Biskuttelli u gallettini; oġġetti tal-għaġina u kejkijiet preservati
10.72.11	Crispbread, biskuttelli, ħobż mixwi u prodotti simili mixwijin
10.72.12	Ħobż tal-ġinġer u prodotti bħalu; gallettini ħelwin; waffles u wafers
10.72.13	Prodotti oħrajn tal-furnara, imnixxfin jew preservati
10.72.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' biskuttelli u gallettini; oġġetti tal-għaġina u kejkijiet preservati
10.72.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' biskuttelli u gallettini; oġġetti tal-għaġina u kejkijiet preservati
10.73	Imqarrun, noodles, kuskus u prodotti farinaċei simili
10.73.1	Imqarrun, noodles, kuskus u prodotti farinaċei simili
10.73.11	Imqarrun, noodles u prodotti farinaċei simili
10.73.12	Kuskus
10.73.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' mqarrun, noodles, kuskus u prodotti farinaċei simili
10.73.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' mqarrun, noodles, kuskus u prodotti farinaċei simili
10.8	Prodotti tal-ikel oħrajn
10.81	Zokkor
10.81.1	Zokkor grezz jew raffinat tal-kannamieli jew tal-pitravi zokkrija; melassa
10.81.11	Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi mhux raffinat, fi stat solidu

Kodiċi	Intestatura
10.81.12	Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi raffinat u sukrożju pur kimikament, fi stat solidu, b'sustanzi aromatiċi u kuluranti miżjuda
10.81.13	Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi raffinat, b'sustanzi aromatiċi u kuluranti miżjuda; zokkor tal-aġġru u ġulepp tal-aġġru
10.81.14	Melassa
10.81.2	Polpa tas-selq, bagasse u skart ieħor tal-manifattura taz-zokkor
10.81.20	Polpa tas-selq, bagasse u skart ieħor tal-manifattura taz-zokkor
10.81.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura taz-zokkor
10.81.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura taz-zokkor
10.82	Oġġetti magħmula mill-kawkaw, ċikkulata u zokkor
10.82.1	Paste tal-kawkaw, kemm jekk sgrassat u kemm jekk le, butir, xaħam u żejt tal-kawkaw, trab tal-kawkaw
10.82.11	Paste tal-kawkaw, kemm jekk sgrassat u kemm jekk le
10.82.12	Butir, xaħam u żejt tal-kawkaw
10.82.13	Trab tal-kawkaw, li ma jkunx fih iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud
10.82.14	Trab tal-kawkaw, li fih iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud
10.82.2	Dolċerija taċ-ċikkulata u taz-zokkor
10.82.21	Preparati taċ-ċikkulata u tal-ikel li fihom il-kawkaw (eskluż trab tal-kawkaw dolċifikat), f'forma sfuża
10.82.22	Preparati taċ-ċikkulata u tal-ikel li fihom il-kawkaw (eskluż trab tal-kawkaw dolċifikat), mhux f'forma sfuża
10.82.23	Ħlewwiet taz-zokkor, li ma fihomx kawkaw
10.82.24	Frott, lewż, qoxra tal-frott u partijiet oħrajn tal-pjanti, ippreservati fiz-zokkor
10.82.3	Fosdoq tal-kawkaw, ħliefa, qxur u skart ieħor tal-kawkaw
10.82.30	Fosdoq tal-kawkaw, ħliefa, qxur u skart ieħor tal-kawkaw
10.82.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' oġġetti tal-kawkaw, iċ-ċikkulata u z-zokkor
10.82.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' oġġetti tal-kawkaw, iċ-ċikkulata u z-zokkor
10.83	Te u kafè proċessati
10.83.1	Te u kafè proċessati
10.83.11	Kafè, dekafeinat jew inkaljat
10.83.12	Sostituti tal-kafè; estratti, essenzi u konċentrati tal-kafè jew tas-sostituti tal-kafè; qxur u fosdoq tal-kafe
10.83.13	Te aħdar (mhux fermentat), te iswed (fermentat) u te fermentat parzjalment, f'pakki immedjati b'kontenut ta' ≤ 3 kg
10.83.14	Estratti, essenzi, konċentrati u preparati mit-te jew mill-maté
10.83.15	Infusjonijiet erbali
10.83.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' te u kafè proċessati
10.83.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' te u kafè proċessati
10.84	Kondimenti u ħwawar
10.84.1	Ħall; sauces; kondimenti mħallta; dqiq jew grixa tal-mustarda; mustarda preparata
10.84.11	Ħall u sostituti tal-ħall miksuba mill-aċidu aċetiku

Kodiċi	Intestatura
10.84.12	Sauces; kondimenti mħallta u ħwawar imħallta; dqiq u grixa tal-mustarda u mustarda preparata
10.84.2	Ħwawar, proċessati
10.84.21	Bżar (speċi Piper), proċessat
10.84.22	Felfel u bżar, imnixxfin (speċi Capsicum), proċessati
10.84.23	Kannella (Canella), proċessata; ħwawar oħrajn proċessati
10.84.3	Melħ għall-ikel
10.84.30	Melħ għall-ikel
10.84.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' kondimenti u taħwir tal-ikel
10.84.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' kondimenti u taħwir tal-ikel
10.85	Ikliet u platti preparati
10.85.1	Ikliet u platti preparati
10.85.11	Ikliet u platti preparati magħmula mil-laħam, il-ġewwieni tal-laħam jew demm
10.85.12	Ikliet u platti preparati bbażati fuq il-ħut, krustaċji u molluski
10.85.13	Ikliet u platti preparati bbażati fuq il-ħxejjex
10.85.14	Ikliet u platti preparati bbażati fuq l-għaġin
10.85.15	Platti u ikliet preparati oħrajn
10.85.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' ikliet u platti preparati
10.85.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' ikliet u platti preparati
10.86	Preparati tal-ikel omoġenizzati u ikel djetetiku
10.86.1	Preparati tal-ikel omoġenizzati u ikel djetetiku
10.86.10	Preparati tal-ikel omoġenizzati u ikel djetetiku
10.86.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' preparati tal-ikel omoġenizzati u ikel djetetiku
10.86.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' preparati tal-ikel omoġenizzati u ikel djetetiku
10.89	Prodotti tal-ikel oħrajn m.k.b.
10.89.1	Prodotti tal-ikel oħrajn m.k.b.
10.89.11	Sopop u brodi u preparati tagħhom
10.89.12	Bajd, mhux fil-qoxra, u isfra tal-bajd friski jew preservati; bajd fil-qoxra preservat jew imsajjar; albumina tal-bajd
10.89.13	Ħmira (attiva jew inattiva); mikroorganiżmi oħrajn b'ċellola waħda, mejtin; trabijiet tal-ħami preparati trabijiet tal-ħami preparati
10.89.14	Estratti u meraq tal-laħam, il-ħut u l-invertebrati akkwatiċi
10.89.15	Meraq u estratti veġetali; sustanzi pektiċi; muċilaġni u materjali li jħaxxnu
10.89.16	Prodotti tal-ikel preparati li jitħassru bħal sandwiches u pizza friska
10.89.17	Supplimenti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem
10.89.19	Prodotti tal-ikel diversi oħrajn m.k.b.
10.89.9	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' prodotti tal-ikel oħrajn m.k.b.
10.89.99	Operazzjonijiet sottokuntrattati bħala parti mill-manifattura ta' prodotti tal-ikel oħrajn m.k.b.
10.9	Għalf preparat tal-annimali

Kodiċi	Intestatura
10.91	Għalf preparat tal-annimali tal-farm
10.91.1	Għalf preparat għal annimali tal-farm, għajr grixa u pellets tan-nifel
10.91.10	Għalf preparat għal annimali tal-farm, għajr grixa u pellets tan-nifel
10.91.2	Grixa u pellets tan-nifel (alfalfa)
10.91.20	Grixa u pellets tan-nifel (alfalfa)
10.91.3	Għalf preparat għal akkwakultura, għajr grixa u pellets tan-nifel
10.91.30	Għalf preparat għal akkwakultura, għajr grixa u pellets tan-nifel
